KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN 1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

9 ta’ Frar 2012

**Minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita’ tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Annwali tal-Lokalita' nzammet nhar il-Hamis 9 ta’ Frar 2012 fis-7.30pm. Ghal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti s-Sindku Nigel Holland, il-Vici-Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv S. Flores assistit mill-iskrivana E. Theuma. L-attendenza kienet ta' madwar 6 persuni.

**Bidu tal-laqgha:**

Is-Sindku beda l-laqgha billi spjega l-iskop ta' din il-laqgha li huwa li l-Kunsill jispjega lir-residenti dwar x’sar fil-lokalita’ fis-sena precedenti u jaghti indikazzjoni ta' x'inhuma l-pjanijiet tal-Kunsill ghas-sena sussegwenti, kif tkun ser tigi riflessa fl-estimi annwali u li hija okkazjoni biex ir-residenti jressqu xi suggerimenti jew ilmenti li jkollhom sabiex ikunu jistghu jigu inkluzi fil-pjanijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Vici-Sindku Franco Davies, lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, lill-Kunsillier Vincent Borg u lill-Kunsillier Edward Torpiano sabiex jaghtu rendikont tal-hdma taghhom matul din l-ahhar sena.

## 1.0 IL-VICI-SINDKU FRANCO DAVIES

Il-Vici-Sindku Franco Davies fetah id-diskussjoni billi ta rendikont ta’ dak li sar matul din is-sena f’kull qasam tal-karigi tieghu :–

### *1.1 Turizmu*

Il-Vici Sindku Franco Davies beda billi qal li matul din l-ahhar sena huwa kien hadem fuq hafna progetti sabiex jattira t-turizmu lejn il-lokalita’ fosthom il-progett EDEN, il-progett ta’ GARDMED u l-progett internazzjonali Sanctuary ta’ teatru barra, gewwa c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

Huwa semma wkoll li matul is-sena li ghaddiet kien tnieda xoghol preliminarju biex isir monument “to scale” ta’ ferrovija fuq il-pont ta’ magenb Bieb il-Bombi. Kien ukoll beda l-process biex il-Kunsill japplika ghad-devoluzzjoni tal-mina tal-ferrovija sabiex il-Kunsill ikun jista’ jizviluppa dan is-sit. Zied jghid ukoll li matul l-attivita’ annwali Genna ta’ Gonna…u hafna aktar!! Kienet infethet ghall-ewwel darba l-mina tal-ferrovija, inizjattiva li ntlaqghet tajjeb u li dwarha nkitbu u saru diveri artikli u programmi tat-televizjoni.

Huwa kompla jghid li kienu saru wkoll mapep tal-lokalita’ madwar il-Floriana u anke saret manutenzjoni ta’ tabelli u pannelli informattivi, dan apparti t-twahhil ta’ sinjali direzzjonali godda bhala parti mill-progett tal-Floriana Heritage Trail. Huwa qal ukoll li kienu anke bdew jitqassmu l-kotba tal-Floriana Heritage Trail mill-Malta Tourism Authority.

Il-Vici Sindku Franco Davies zied jghid ukoll li kien attenda diversi laqghat tal-European Capital of Culture 2018 fejn gew diskussa l-opportunitajiet turistici ghall-Floriana. Apparti dan, kienet ittiehdet inizjattiva biex jingibdu xi postijiet storici b’immagini 360 li tpoggew fuq sit elettroniku li jintuza sew mill-barranin.

### *1.2 Sahha u Anzjani*

Il-Vici Sindku Franco Davies informa li matul din l-ahhar sena kien prova jasal fi ftehim mal-kumpanija li kienet toffri s-servizz tas-CT Cabs sabiex jestendu s-servizz taghhom ghall-iSptar Sir Paula Boffa. Huwa zied jghid ukoll li kienu gew ipprovduti ammont ta’ spazji ta’ parkegg limitati ghall-pazjenti tal-istess sptar dan sabiex ikun hemm access iffacilizzat ghal dawk li jzuru l-isptar.

Huwa kompla jghid li kienu saru diversi affarijiet ohra fejn jidhol dan il-qasam fosthom il-manutenzjoni tal-latrini pubblici specjalment ir-refurbishment tal-latrini tal-Bombi u anke tat-toilets fil-bini tal-Floriana Senior Citizens. Zied jghid ukoll li l-Kunsill kien investa fi progett li sewa eluf t’ewro sabiex isir platform lift mal-faccata tad-Dar tal-Kunsill u jkun hemm access ghall-persuni b’dizabbilta’. Huwa qal ukoll li kien anke sar poggaman magenb it-tarag tad-Dar tal-Kunsill ghall-anzjani li ta’ kuljum jaghmlu uzu mis-servizzi tal-Kunsill.

## 1.3 Harsien tal-annimali

Il-Vici Sindku Franco Davies beda billi qal li din is-sena kienu tnedew diversi inizjattivi ghall-harsien tal-annimali. Beda billi jsemmi l-micro-chipping tal-klieb li kien sar fid-Dar tal-Kunsill sabiex ihajjru n-nies jiehdu din l-inizjattiva u jkun hemm kontroll fuq l-annimali.

Huwa qal ukoll li wara d-diversi protesti li saru dwar ic-cirklu tal-annimali li jittella' fil-Floriana, il-Kunsill kien ha hsieb li jaghmel laqghat ma' diversi entitajiet fosthom l-Animal Welfare sabiex kollox ikun konformi mal-ligi u jkun iccertifikat li m'hemmx mohqrija tal-annimali.

Il-Vici Sindku Franco Davies qal ukoll li b'kollaborazzjoni ma' entitajiet volontarji, kienet qed tittiehed l-inizjattiva biex jingabru l-qtates tat-triq u jissewwew. Sadanittant, huwa baqa' jiehu hsieb li ssir manutenzjoni regolari tal-cat cafes li hemm madwar il-lokalita' u kien anke ha hsieb li jkun hemm access facli ghal min jitma lill-annimali f'dawn il-cat cafes. Minkejja dan, kien il-Kunsill qed jibqa' jahdem biex ikun hemm rinforzar qawwi fuq min jinqabad ihalli l-hmieg barra wara li jitma lill-annimali.

## 1.4 E-Councillor

Il-Vici Sindku Franco Davies semma li fejn jidhol dan il-qasam, kien sar progress kbir minhabba li kien ha hsieb li jigu kkrejati siti elettronici tal-attivitajiet principali li jorganizza l-Kunsill bhalma huma c-Celebrazzjoni ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Zied jghid li kien ghaddej il-process biex jinbena sit gdid ghall-Kunsill Lokali Floriana. Huwa zied jghid ukoll li kien kreja anke pagni tas-sit Facebook ghal kull attivita' u li kien qed jamministra hu billi jzid l-informazzjoni u jemenda skont il-bzonn. Huwa qal ukoll li kienet saret manutenzjoni tal-kompjuters li hemm fid-Dar tal-Kunsill sabiex il-pubbliku jkun jista' jinqeda ahjar.

Huwa temm billi semma li kien ha hsieb li fis-Sajf, jittellghu diversi attivitajiet fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V matul dawn l-ahhar snin u li kien anke ta s-sehem tieghu fejn seta' specjalment fi promozzjoni ghall-attivitajiet u fil-fun run annwali tal-President.

## 2.0 IL-KUNSILLIERA SANDRA SAMMUT HILI

Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi tat rendikont tal-hidma taghha fil-Kunsill. Din hija lista fil-qosor tax-xoghlijiet li l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet f'dan il-Kunsill relatati mal-karigi taghha u li gew ikkoordinati minnha.

### *2.1 Edukazzjoni*

F'dan il-qasam, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili spjegat li b'mod annwali, jinghataw pakketti ta' kotba lit-tfal tal-Iskola Primarja sabiex jitqassmu fil-bidu tal-ewwel sena skolastika biex ihajjru lit-tfal jaqraw. Hija qalet ukoll li hadet sehem b'mod attiv f'kull attivita' li torganizza l-iSkola Primarja bhall-isports day, prize day u l-kuncert organizzat minn Skola Sajf u organizzat ukoll mawra ghat-tfal tal-iskola ghal Ghawdex fejn zaru diversi postijiet t'interess. Hija ziedet tghid ukoll li bil-partecipazzjoni tat-tfal tal-iskola Primarja, il-Kunsill Lokali Floriana kien gie fl-ewwel post tal-Green Challenge Award. Din il-hidma kbira giet rikonoxxuta meta l-kunsilliera kienet giet mistiedna anke fuq stazzjon televiz lokali biex titkellem dwar il-hidma bejn il-Kunsill u l-eko-skola.

### *2.2 Ugwaljanza u l-Avvanz tal-Mara*

Rigward dan il-qasam, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili tkellmet dwar id-diversi attivitajiet li organizzat ghan-nisa matul din is-sena, fosthom hemm:-

- Harga f'Jum l-Omm
- Harga ghal Marsaxlokk fil-festa ta' San Girgor
- Harga ghal Ghawdex
- Harga lin-nisa darba fix-xahar fejn tintlaghab it-tombla u li matulha hadet il-kariga biex tipprova tigbor xi rigali mill-isponsors ghal min ikun attenda.

### *2.3 Utilitijiet u Servizzi*

Rigward dan il-qasam, hija tat rendikont ta' x'ghamlet matul din is-sena, fosthom:

- Tiswijiet regolari ta' bozoz fil-lokalita'
- Zieda ta' dawl fil-parkegg ta' magenb il-klabb tal-Hockey
- Manutenzjoni u hasil tas-central hangings fosthom dawk fi Triq l-Imhazen, Trejqet il-Fosos u Trejqet l-Imhazen
- Twahhil ta' fanali ornamentali godda fil-bitha interna tal-Housing Estate magenb l-ispizerija tal-Gvern

- Inizjattiva biex jitwahhlu erba' fanali ornamentali godda fil-passagg ta' hdejn l-AGFA u fil-bitha t'isfel tal-Housing Estate.

- Inizjattiva biex jintbaghtu ittri lill-hwienet u l-bars tal-lokal sabiex jiehdu hsieb iwahhlu ashtrays u cigarette bins magenb il-hanut minhabba li kien qed ikun hemm hafna sigaretti mormija mal-art.

- Twahhil ta' poggaman mal-blokk tal-Housing Estate

- Tahdidiet biex isir restawr tan-nicca tal-Kurcifiss u biex isir tisbih taz-zona ta' madwar in-nicca

- Zebgha ta' bankijiet fi Pjazza Robert Samut u fi Triq V. Dimech

- Twahhil ta' planters godda fl-entratura tal-Housing Estate

### *2.4 Zghazagh u Sport*

Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili bdiet billi qalet li l-Kunsill kien gie fit-tielet post fis-serata organizzata mill-Kumitat Olimpiku Malti fejn jinghata unur ghall-promozzjoni u ghajnuna fl-isports fil-lokal. Hija qalet ukoll li kienu gew organizzati korsijiet tal-aerobics, pilates u general fitness fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Sammut Hili ziedet tghid ukoll li l-Kunsill dejjem hadem mill-vicin mal-ghaqdiet sportivi tal-lokal u sahansitra kien ha hsieb li jghin fil-pubblikazzjoni tas-souvenir programme tal-loghba bejn Floriana u Larnaca, il-medalji tat-tournament organizzat mal-Floriana Football Nursery, il-lasti tal-picc li jintuza anke mill-Floriana Football Nursery u anke saru hargiet ghal Ghawdex fl-okkazjoni tal-loghba ta' hbiberija bejn il-Floriana FC u Kercem u anke meta laghab it-tijm tal-Floriana fil-Gozo Cup fost inizjattivi ohra.

## 3.0 IL-KUNSILLIER EDWARD TORPIANO

Il-Kunsillier Edward Torpiano beda billi spjega l-karigi li gew moghtija lilu f'dan il-Kunsill filwaqt li spjega x'sar matul din is-sena f'kull qasam tal-karigi tieghu.

### *1.1 Gemellaggi*

Il-Kunsillier Edward Torpiano tkellem dwar il-koordinazzjoni tieghu waqt il-gemellaggi li saru ma' Macerata kif ukoll ma' Kercem – Ghawdex u mal-Banda Salvadei flimkien mas-Socjeta' Filarmonika Vilhena. Huwa ha l-opportunita' sabiex jirringrazzja lis-sotto-kumitati responsabbli mil-gemellaggi li kienu hadmu hafna sabiex dawn kienu possibli.

### *1.2 Ambjent u Indafa Pubblika*

Rigward dan il-qasam il-Kunsillier Edward Torpiano spjega li hu personalment jaghmel diversi kuntatti mal-kuntratturi kemm tat-tindif tat-toroq kif ukoll tal-bulky refuse sabiex is-servizz ghar-residenti jkompli jitjieb u tkompli tinzamm l-indafa fil-lokalita'.

Il-Kunsillier Edward Torpiano zied jghid ukoll li matul din l-ahhar sena, il-monti li qabel kien jarma l-Belt Valletta, issa kien gie rilokat fiz-zona tal-Park & Ride fil-Floriana. Huwa kompla jghid li hu kien ha r-responsabbilta' tal-monti li kien holoq problemi kbar u li jgorr mieghu diversi responsabbiltajiet.

### *1.3 Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Pulizija*

F'dan il-qasam il-Kunsillier Edward Torpiano semma diversi laqghat li hu kellu mal-pulizija sabiex tissahhah l-ordni pubblika fil-lokalita' specjalment rigward il-vandalizmu fuq il-lokalita' tal-Floriana li garrbet diversi hsarat ripetutament.

### *1.4 Housing*

F'dan il-qasam, il-Kunsillier Edward Torpiano beda' billi fakkar li hu flimkien mal-Kunsill ifakkru Jum il-Housing fis-16 ta' Jannar ta' kull sena. Huwa kompla jghid li flimkien mal-Kunsill, jipprova johloq *awareness* tal-bzonn kbir ta' *housing socjali* li ghandhom ir-residenti tal-Floriana. Il-Kunsillier Edward Torpiano tkellem ukoll dwar il-progett ta' bini ta' appartamenti fi Triq l-Argotti fejn qed jipprova jaghmel mill-ahjar biex fil-maggoranza taghhom, dawn jinghataw lill-Furjanizi. Fir-rigward ta' permessi relatati mal-MEPA, huwa spjega li jaghmel mill-ahjar li jista' biex jghin fil-hrug taghhom, u fil-fatt kien irnexxielu jhaffef permess importanti hafna relatat mal-monument ta' Pietro Paolo Floriani inawgurat mill-Kunsill, li kien dam ma hareg minhabba xi problemi li nqalghu.

Huwa kompla billi qal li hu jifforma wkoll parti mill-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Belt Valletta u l-Floriana.

*1.5 Kultura u Patrimonju Lokali*

Rigward dan il-qasam il-kunsillier Edward Torpiano semma s-sehem kbir tieghu fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet bhal Florianafest, Jum il-Floriana, il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, Genna ta' Gonna…u hafna aktar!! u tac-Celebrazzjoni f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena li ghalihom jipprova jigbor diversi sponsorships. Semma' wkoll li hu jifforma parti wkoll mis-sotto kumitati organizzattivi ta' dawn l-attivitajiet. Il-Kunsillier Edward Torpiano zied jghid ukoll li kien ta l-kontribut tieghu sabiex tigi organizzata zjara statali mill-ET il-President George Abela.

Rigward il-patrimonju lokali, huwa zied jirringrazzja lill-ghaqdiet Furjanizi li maghhom hadem il-Kunsill biex itella' diversi attivitajiet bhalma huma l-Greens Night u l-Presentation Night fost ohrajn. Il-Kunsillier Torpiano semma wkoll li kien ghaddej b'hidma biex isir ir-ristawr fuq il-monument ta' Dante Alighieri, tat-torri ta' Wignacourt u ta' Gnien il-Mall.

## 4.0 IL-KUNSILLIER VINCENT BORG

Il-Kunsillier Vincent Borg beda billi spjega x'kienu l-karigi tieghu f'dan il-Kunsill u x'kien ghamel f'din l-ahhar sena.

### *4.1 Gonna u soft areas*

Rigward dan il-qasam, il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien ha hsieb li ssir zabra generali tas-sigar ta' Gnien Preziosi, tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, ta' gnien il-Mall u ta' sigar ohra fil-lokalita'. Semma' wkoll li kien gie avvicinat mill-iskola primarja bi progett tat-tfal fejn kabbru xi pjanti li gew mizrugha taht il-Forka f'zona li kienet kwazi abbandunata u li issa giet moghtija l-hajja.

### *4.2 Xogholijiet u Infrastruttura*

Rigward dan il-qasam, huwa beda billi qal li kien qed isir ix-xoghol mehtieg sabiex isir mudell ta' ferrovija hierga mis-swar, magenb Bieb l-Bombi. Huwa kompla jghid li kien sar xoghol ta' tarmac fi Triq l-Imhazen, Xatt Lascaris u fi Pjazza Papa Gwanni XXIII. Huwa qal li kien hemm il-hsieb li jsiru xi toroq ohra fil-gimghat li gejjin. Il-Kunsillier Borg qal ukoll li kien sar ix-xoghol necessarju fuq is-servizz tal-ilma u kienu anke gew irrangati xi bankini gewwa z-zona maghrufa bhala Balzunetta, fi Triq San Tumas u fi Triq San Publju.

### *4.3 Gwardjani lokali, traffiku u parkegg*

Rigward dan il-qasam, huwa semma li ghalkemm id-delegazzjoni tal-gwardjani lokali m'ghadiex f'idejn il-Kunsill, huwa kien qed jinforza li dawn xorta jibqghu jaghmlu dmirhom bhal qabel.

Huwa tkellem ukoll rigward id-diversi bidliet li kienu saru fit-traffiku minhabba l-introduzzjoni tal-Arriva, fosthom fi Triq Sarria u fi Triq il-Mall. Zied jghid li kien tkellem ma' Transport Malta sabiex isiru l-arrangamenti biex il-vetturi jkunu jistghu johorgu minn hdejn il-MEPA ghal Triq Sant'Anna. Huwa semma wkoll in-numru ta' sinjali tat-traffiku li kienu twahhlu ghall-facilita' tas-sewwieq u l-postijiet godda ta' parkegg li kienu nholqu.

### *4.4 Qasam socjali u l-familja*

Rigward dan il-qasam, huwa qal li kienu saru xi poggamani mal-hajt tad-Dar tal-Kunsill kif ukoll magenb il-Bini tal-Gvern ghall-kumdita' tal-anzjani. Huwa zied isemmi wkoll il-progett tal-platform lift li kien sar magenb il-bieb tad-Dar tal-Kunsill.

Huwa ghamel riferenza ghall-kuncerti kollha li ttellghu fuq il-Fosos izda specjalment ghall-kuncert Isle of MTV fejn ghamel mill-ahjar li seta' sabiex jitnaqqsu l-abbuzi fosthom billi gew ipprovduti ammont ikbar ta' mobile toilets u ta' gwardjani lokali.

Huwa temm billi rringrazzja lir-residenti tal-ghajnuna u l-fiducja li tawh fil-kariga tieghu u kien grazzi ghalihom li seta' jwettaq dmiru bhala kunsillier.

## **5.0 IS-SINDKU NIGEL HOLLAND**

Is-Sindku Nigel Holland kompla din il-laqgha billi tkellem dwar il-progetti li l-saru fis-sena 2011-12, fejn semma dawn li gejjin:-

- Riabilitazzjoni tal-ufficcju amministattiv
- Sinjali, brochures, ecc. ghall-passiggata tal-Floriana Heritage Trail
- It-tlestija tax-xoghlijiet fil-bini ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill
- L-Arblu fi Triq Sant Anna
- Il-Picc sintetiku li gie jiswa madwar €25,000
- Fanali Ornamentali fil-Qasam tad-Djar
- Xiri ta' Tizjin tal-Milied ghal Triq Sant'Anna
- Xoghol fil-bini tal-Floriana Senior Citizens
- Tabelli tal-Floriana Heritage Trail
- Laned godda tal iskart li qed jitwahhlu
- L-Installazjoni ta' *platform lift* mal-faccata tad-Dar tal-Kunsill
- L-Installazzjoni tal-Pannelli Voltajici fuq il-bejt tal-Kunsill
- Mafkar zghir fi Triq Glormu Cassar iddedikat lill Perit Drago

Is-Sindku Nigel Holland kompla din il-laqgha billi tkellem dwar il-progetti li l-Kunsill Lokali ser jibqa' jahdem fuqhom fil-perjodu li jmiss, fejn semma dawn li gejjin:-

- Progett ghal wicc gdid ghal Triq il-Miratur
- Il-progett ta' Unjoni Ewropeja GARDMED fejn il-Kunsill gie allokat ammont iehor ta' flus biex jintnefqu fil-gonna u l-hsieb li jizdiedu bankijiet fi Gnien Preziosi, issir manutenzjoni tal-hajt ta' Gnien Preziosi, fost pjanijiet ohra
- Progett iehor ta` Sistema ta' dawl gdid fi Gnien Vilhena
- Laqghat biex il-Kunsill jibda jibbenefika mill-Urban Improvement Fund

Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li id-dhul tal-Kunsill ghal din is-sena huwa ta` madwar €420,000 u li n-nefqa totali stmata ghas-sena li jmiss hija ta' madwar €375,000.

Huwa zied jghid ukoll li kif kien qal tajjeb il-Kunsillier Vincent Borg, id-delegazzjoni tal-gwardjani lokali ma kinietx baqghet taht idejn il-Kunsill u b'konsegwenza ta' dan, il-fondi tal-Kunsill kienu ser jonqsu b'mod drastiku minhabba li l-flus tac-citazzjonijiet ma kienx ser jibqa' johodhom il-Kunsill. Ghalhekk, il-Kunsill kien ser ikollu problema kbira ta' finanzi minhabba li naqaslu b'mod drastiku id-dhul finanzjarju li kellu fis-snin li ghaddew.

Finalment is-Sindku Nigel Holland stieden lir-residenti biex jaghmlu l-interventi taghhom billi jressqu xi ilmenti, tifhir jew xi suggerimenti ohra ghal gid tal-lokalita'.

Saru xi interventi minn dawk prezenti li fil-qosor huma dawn :

*Marylene Schembri :* Hija saqsiet rigward ic-cirkolari li tqassmet dwar il-laqgha li saret il-gimgha li ghaddiet u nformat li hi ma kinietx ircevitha. Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier responsabbli mill-Housing sabiex jikkuntattja lil Dr. Albert Buttigieg u jinformah li xi residenti ma rcevewx ic-cirkolari u b'konsegwenza ma setghux jattendu ghal-laqgha. Hu kompla billi nforma li dawk kollha li kellhom xi suggerimenti ghal manutenzjoni fil-partijiet komuni tal-blokk setghu iressqu dawn is-suggerimenti fl-ufficcju tal-Kunsill sabiex ikunu jistghu jigu mghoddija lill-Housing Authority. Is-Sindku qal ukoll li r-residenti jistghu jinnominaw resident fil-blokka taghhom biex iservi bhala amministratur tal-blokka.

*Frankie Micallef :* saqsa kif ghad m'hemmx skema ghal-liftijiet fid-djar tal-Gvern minhabba li hu kellu ta' kuljum jitla' 'l fuq minn mitt targa u b'konsegwenza ta' dan, qieghed jaffacja hafna problemi. Is Sindku wiegeb li kien ser jaghmel mill-ahjar li jista' biex jivverifika jekk hemmx xi skema ghal liftijiet u jinformahom bl-ilment izda informa ma kienx fil-poter tal-Kunsill li jaghmel decizjonijiet simili. Huwa zied jghid ukoll li l-Awtorita' tad-Djar kienu nformaw lill-Kunsill li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabbilta' kienet qed toggezzjona li jsiru lifts zghar minhabba d-drittijiet tal-persuni b'dizabbilta' u ghalhekk certu lifts ma setghux isiru.

*Karl de Flavia* : ghamel riferenza ghall-gazebo li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u nforma li s-saqaf taghha kellu bzonn li jitranga. Is-Sindku wiegeb li ghalkemm dawn sarulom manutenzjoni ricentament, ser isir iktar manutenzjoni fil-progett ta' GARDMED.

*Karl de Flavia* : ghamel riferenza ghall-kwistjoni tas-sink fil-bini tal-Floriana Senior Citizens u qal li ladarba l-perit kien iccertifikalu x-xoghol, hu jqis li x-xoghol kien gie ffinalizzat. Is-Sindku wiegeb li ghalkemm il-Perit kien iccertifika l-imsemmi xoghol, il-Perit baqa' jsostni li s-sink ma kienx tajjeb u ghalhekk il-Kunsill kien talab lill-kuntrattur biex jirrimedja s-sitwazzjoni. Huwa zied jghid ukoll li meta l-Kunsill kien ghamel laqgha mal-Perit flimkien mas-Sur De Flavia, is-Sur De Flavia ma kien wiegeb xejn ghall-allegazzjonijiet tal-Perit.

*Charles Tonna:* ghadda suggeriment biex jitwahhlu xi bollards fuq il-bankina li hemm quddiem il-Knisja minhabba li kienu qed jipparkjaw xi karozzi u xi karozzi tal-linja. Is-Sindku wiegeb li l-paviment ta' quddiem il-Knisja kien tal-Arcipriet u ghalhekk wiehed kellu jitkellem mieghu qabel ma tittiehed azzjoni dwar dan.

*Charles Tonna:* saqsa rigward il-fanali maqlughin li hemm fuq il-Fosos u saqsa meta kienu ser jitwahhlu. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili wiegbet li minhabba xi diffikultajiet, dawn iridu jinqalghu wiehed wiehed biex issirilhom manutenzjoni. Hija ziedet tghid li l-manutenzjoni fuqhom kellha tibda' l-gimgha ta' qabel izda minhabba li kien temp ikrah, ix-xoghol kien gie pospost.

*Charles Tonna:* informa lill-Kunsill li fi Pjazza Sir Luigi Preziosi kien hemm xi individwi li kienu qed jizirghu pjanti tal-cactus fil-gonna minghajr il-permess tal-Kunsill. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li ghandu jivverifika u jekk dan hu minnu, ser jaghti struzzjoni biex dawn jitnehhew minnufih. Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-gonna u nforma li kien hemm il-hsieb li tinbidel il-hamrija ta' Gnien Preziosi.

*Charles Tonna:* issuggerixxa li jsir mafkar tas-Sur Emmanuel S. Tonna fi Pjazza Emmanuel S. Tonna. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ser jilqa' dan is-suggeriment.

*Charles Tonna:* saqsa rigward l-arblu fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li kellu jitlob il-parir tal-Perit biex jara jekk dan jistax isir.

*Charles Tonna:* informa lill-Kunsill bil-hmieg li kien qed jithalla mill-hwienet tal-lokalita' li kienu qed jibqghu miftuhin sa tard bil-lejl. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ser jiehu azzjoni biex ikun hemm izjed infurzar tal-ligi u biex min jinqabad ihalli xi hmieg barra jigi mharrek.

*Frankie Micallef*: informa lill-Kunsill li meta jsir it-tindif taht il-logog, kienu qed jixkupaw kollox ghal got-tarag b'konsegwenza li l-hmieg jingema kollu hemm. Is-Sindku wiegeb li kien sar progress kbir grazzi ghas-sotto kumitat tal-Ambjent u tal-Indafa u grazzi ghalihom, il-haddiema kienu qed jikinsu qabel jahslu u saru anke jahslu darbtejn fil-gimgha.

*Joe Hili*: ghadda vot ta' ringazzjament lil dan il-Hames Kunsill minhabba li din kienet l-ahhar laqgha annwali taht dan il-Kunsill.

*Joe Hili*: irringrazzja lill-Kunsill tax-xoghol ta' tarmac li sar f'Xatt Lascaris.

*Joe Hili*: irringrazzja lill-Kunsill tal-attivitajiet kollha li gew organizzati f'dawn l-ahhar hames snin u tal-mod kif gew organizzati b'tali mod li uhud minnhom kienu qed isiru fuq skala nazzjonali. Huwa talab li ssir propaganda iktar avvanzata sabiex ikun hemm iktar attendenza ghal dawn l-attivitajiet.

*Joe Hili*: informa lill-Kunsill li meta taghmel ix-xita, l-art ta' Gnien il-Mall tigi tizloq hafna. Is-Sindku wiegeb li ghalkemm dan il-gnien ma kienx taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill, kien ser iheggeg lil min hu responsabbli biex din is-sitwazzjoni tigi rrimedjata.

*Joe Hili*: talab li jitwahhlu bins ghall-hmieg tal-annimali madwar il-lokalita' sabiex jitnaqqas il-hmieg li jithalla fit-toroq. Is-Sindku wiegeb li dan kien suggeriment tajjeb u li kienu diga twahhlu xi bins ghal dan il-ghan fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

*Karl de Flavia* : informa lill-Kunsill li s-subways u c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V ma kienux qed jinghalqu kuljum skont kif stipulat fil-kuntratt li l-Kunsill kellu mal-kuntrattur. Is-Sindku nforma li l-kuntrattur kien diga gie mmultat rigward in-nuqqas li jaghlaq ic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V skont il-kuntratt.

*Joe Hili*: issuggerixxa li jsir lift god-dar tal-Kunsill sabiex ikun hemm access aktar facli ghas-sala l-gdida tal-Kunsill. Huwa zied jipproponi li l-Kunsill jikkunsidra li din tibda tinkera ghal xi funzjonijiet. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill

diga kellu hsieb li jibda l-process sabiex din tkun tista' tibda tinkera. Huwa zied jghid li l-Kunsill ser jilqa' l-proposta li jsir lift fid-Dar tal-Kunsill izda zied jghid li dan jigi jiswa eluf ta' ewro bhalma gie jiswa l-platform lift li sar mal-faccata tad-Dar tal-Kunsill.

Is-Sindku Nigel Holland ha l-okkazjoni biex jirringrazzja lir-residenti prezenti li kienu hadu l-interess jattendu ghal din il-laqgha.

Huwa zied jirringrazzja wkoll lill-Kunsilliera shabu peress li din kienet l-ahhar laqgha tal-legislatura u rringrazzjahom tal-hidma kbira taghhom favur il-lokalita' u r-residenti. Huwa awgura wkoll lil kull min ser jerga' jikkontesta l-elezzjoni ta' Marzu li gej sabiex jerga' jkun hemm Kunsill li jgib qabel kollox il-lokalita'. Huwa ha l-opportunita' wkoll biex jirringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv Svetlick J. Flores u lill-impjegati tal-Kunsill is-Sinjorina Fiona Said, is-Sinjorina Emmanie Theuma u s-Sur Godwin Azzopardi kif ukoll lill-impjegati passati tal-Kunsill tax-xoghol siewi li jaghmlu u l-impenn li jaghtu.

**<u>Tmiem il-laqgha:</u>**

Il-laqgha ntemmet fid-9.20p.m

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |